KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 77 – LAQGĦA B'URĠENZA

**Il-Ħamis 19 ta' April 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Vella – Viċi Sindku
Anthony Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dott. Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

### 77.1 Approvazzjoni tal-emendi tal-*End of Year Financial Statements* 2017

77.1.1 Is-SE prezentat 7 kopji tal-*end of year financial statements* għas-sena 2017 hekk kif emendati mill-*accountant* tal-Kunsill fuq rakkomandazzjoni tal-awdituri.

77.1.2 Hija spjegat li kien hemm 3 aġġustamenti, bl-ikbar wieħed ikun dak li għandu x'jaqsam mal-fondi tal-ġemellaġġ fejn il-Kunsill kien mingħalih li se jiġbor lura sa 90% mis-somma però l-Bord kien approva biss €3,500 minħabba li skont il-liġi dan kien il-massimu ta' spejjez li seta' jagħmel il-Kunsill. Min-naħa l-oħra hija infurmat li ma kinitx qed taqbel mad-deċizjoni u talbet permess lill-Kunsill sabiex tagħmel ittra ta' oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel.

77.1.3 Is-SE infurmat li l-Kunsill spiċċa s-sena 2017 bi profitt ta' €15,238 (2016 : €15,632) u b'indikatur ta' 91.84%.

77.1.4 Il-Kunsill approva l-emendi hekk kif suġġeriti u prezentati fuq il-mejda.

77.1.5 Il-laqgħa spiċċat fis-7:10pm.

Konfermati, illum 22 ta' Mejju 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |